

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A-Fonds

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst

Dispożittiv

L-Artikoli 107 u 108 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti nazzjonali ma tistax tevalwa l-konformità ta' kundizzjoni ta' residenza bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali mal-Artikolu 56(1) KE, li sar l-Artikolu 63(1) TFUE, fil-każ fejn l-iskema ta' rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi kkonċernata tikkostitwixxi skema ta' għajnuna.

(¹) ĠU C 22, 22.1.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-30 ta' April 2019 — Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-611/17) (¹)

(Rikors għal annullament — Politika komuni tas-sajd — Konservazzjoni tar-riżorsi — Konvenzioni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku — Qabda totali permissibbli (TAC) tal-pixxispad tal-Mediterran — Regolament (UE) 2017/1398 — Stabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sena 2017 — Kompetenza esklużiva tal-Unjoni — Determinazzjoni tal-periżjodu ta' referenza — Affidabbiltà tad-data bażika — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju — Artikolu 17 TUE — Ġestjoni tal-interessi tal-Unjoni fi ħdan korpi internazzjonali — Prinċipju ta' stabbiltà relativa — Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni — Prinċipji ta' nuqqas ta' retroattività, ta' ċertezza legali, ta' aspettattivi leġittimi u ta' nondiskriminazzjoni”)

(2019/C 220/04)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Naert u E. Moro, aġġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment V. Ester Casas, sussegwentement M. J. García-Valdecasas Dorrego, aġġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Moro u A. Stobiecka-Kuik, aġġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għandhom ibat l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 424, 11.12.2017.